MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 82/2004

It-Tribunal:

Ra l-avviz tat-talba li tghid hekk:

“Illi f’diversi okkazzjonijiet l-attrici pprovdiet servizzi ta’ guarding u sigurta’ lis-socjeta’ konvenuta u ghal dawn is-servizzi ghadu dovut il-hlas ta’ bilanc ta’ hames mija u tlieta u tmenin lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm583.73).

Illi ghalkemmm interpellata diversi drabi u mionkejja diversi weghdiet ta’ hlas il-konvenuta baqghet ma hallsitx dan il-bilanc.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici titlob bil-qima li l-konvenuta tkun ikkundannata thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont imsemmi flimkien ma’ l-imghax dovut mid-data tal-prestazzjoni tas-servizzi sad-data tal-hlas relattiv u l-ispejjes ta’ dawn l-proceduri.”

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li tghid hekk:

“Illi s-socjeta attrici wettqet bosta zbalji fil-konteggi taghha meta ffatturat lis-socjeta’ konvenuta ghas-servizzi rezi minnha, liema atturi kellhom johorgu f’isem is-socjeta’ konvenuta u f’isem is-socjeta’ “Central Power Installations Limited” ta’ “Schemson,” Triq tal-Barrani, Hal-Tarxien, liema socjeta’ ghandha tigi kkjamata in kawza.

Illi s-socjeta’ konvenuta efetwat il-hlas ta’ nofs is-somma pretiza li kien jirraprezenta is-sehem dovut minnha u m’ghandha l-ebda tort jekk is-socjeta’ attrici m asarfietx ic-cekk li nghatalha. L-anqas m’ghandha l-ebda tort is-socjeta’ konvenuta jekk is-socjeta’ kjamata in kawza ma hargietx sehemha minkejja l-isforzi kollha tas-socjeta’ konvenuta. Ghaldaqstant, m’ghandiex tbati spejjez ta’ dawn il-proceduri.”

Ra li s-socjeta  Central Power Installations Limited ikkjamata fil-kawza mis-socjeta' konvenuta debitament notifikata naqset milli tipprezenta risposta

Ra l-verbal tal-21 ta' Jannar 2005 mill-avukat tas-socjeta' attrici li ddikjarat li s-socjeta' attrici accettat li l-hlas lilhom dovut ghandu jithallas nofs mis-socjeta' konvenuta u nofs mis-socjeta msejjha fil-kawza.

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Illi l-avukat Dottor Joseph Ellis xehed li l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta u mis-socjeta kjamata fil-kawza ghandu jkun LM513.43 u mhux LM583.73 kif mitlub billi parti mill-kont ikopri servigi li fil-fatt ma sarux (ara fol 23). Qal ukoll li kien baghat cheque ghal LM256.72 lis-socjeta' attrici li apparantement ma ssarrafx u ghalhekk m'ghandux ihallas l-ispejjez tal-kawza li saret inutilment. Dawn l-asserzjonijiet bl-ebda mod ma gew inficjati mis-socjeta' attrici u ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala ppruvati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' LM256.72c ghal servizzi ta' sigurta resi mis-socjeta' attrici kif indikat fl-avviz tat-talba, b'dan illi rapprezentant tas-socjeta' attrici ghandu jikkonferma bil-gurament li c-cheque imsemmi ma ssarrafx kif ukoll billi jikkundanna lis-socjeta’ Central Power Installations Limited li giet kjamata fil-kawza thallasha somma ohra ta’ Lm256.72 ghall-istess tip ta’ servizzi ta’ sigurta. Spejjez tal-kawza jigu sofferti nofs mis-socjeta attrici u nofs mis-socjeta msejjha fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------